



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2017/2191(INI)

22.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni għall-2016
(2017/2191(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Christel Schaldemose

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-politika dwar il-kompetizzjoni hija marbuta mal-politika dwar it-taxxa u li huwa essenzjali li jkun hemm trattament ta' taxxa ġusta bejn l-intrapriżi għall-finijiet tal-integrità tas-suq intern u għal kundizzjonijiet ekwi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tindirizza t-tipi kollha ta' għajjnuna illegali mill-Istat li jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq intern; jinnota l-importanza tal-konformità ma' regoli tal-kompetizzjoni preċiżi u effettivi;
2. Jappoġġja l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar Prattiki Antikompetittivi bħalma huma l-għajjnuniet mill-Istat ta' natura fiskali li huma inkompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni; jenfasizza li huwa kruċjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb li jiġi żgurati li l-entitajiet kollha jkunu ttrattati b'mod ugwali u li l-atturi kollha jikkontribwixxu b'seħem suffiċjenti ta' pagamenti tat-taxxa; iqis meħtieġ li jkun hemm qafas regolatorju sod u b'regoli trasparenti li jiggarantixxi aċċess għas-suq għall-kumpaniji kollha, inklużi l-SMEs;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tispejga aktar kif il-prattiki kummerċjali inġusti jistgħu jiġu indirizzati fl-ambitu tal-politika tal-kompetizzjoni attwali;
4. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiġġieled il-kompetizzjoni inġusta f'każijiet ta' profil għoli kontra kumpaniji magħrufa sew; iqis li l-SMEs jistgħu jibbenefikaw mill-applikazzjoni rigoruża tar-regoli tal-kompetizzjoni, partikolarment fil-qasam diġitali; jitlob lill-Kummissjoni biex, f'dan il-kuntest, teżamina r-rwol dominanti ta' ċerti pjattaformi online fir-rigward tal-SMEs, u kwalunkwe terminu u kundizzjoni inġusti imposti; jišhaq li l-infurzar tar-regoli dwar il-kompetizzjoni huwa tal-akbar importanza għall-parteċipanti tas-suq kollha sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ekonomika ġusta u sabiex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir f'setturi importanti tal-ekonomija, b'mod partikolari s-setturi tal-enerġija, tat-telekomunikazzjonijiet, tat-trasport u dawk diġitali;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-ekwità tat-termini u l-kundizzjonijiet imposti minn ċerti pjattaformi on-line dominanti fuq il-fornituri, b'mod partikolari l-SMEs, pereżempju fir-rigward tal-klawżoli dwar il-parità tal-prezzijiet u l-parità kundizzjonali li jistgħu jipperikolaw il-kompetizzjoni ħielsa, speċjalment fis-Suq Uniku Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza aktar dawn il-klawżoli, u jekk ikun meħtieġ, tipproponi restrizzjonijiet dwar l-użu tagħhom;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli li jimplementaw il-politika tal-kompetizzjoni sabiex jiġu garantiti kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ugwali u ġusti, kif ukoll iċ-ċertezza legali, għall-intrapriżi; jinsab imħasseb li l-infurzar mhux ekwu tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali jista' jwassal għal riżultati differenti, u b'hekk ixekkel il-kompetizzjoni fis-suq intern; jenfasizza l-hteġa li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jkunu indipendenti u jkollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv; itenni, barra minn hekk, li huwa essenzjali li jkun hemm sett ta' għodod effettiv fil-Kummissjoni għall-investigazzjoni

indipendenti ta' każijiet suspetti ta' kompetizzjoni inġusta u ta' ksur suspett tal-liġi tal-kompetizzjoni;

7. Jilqa', għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni dwar in-Netzwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (ECN+), inkluża l-importanza ta' multi ta' deterrent għall-politika tal-kompetizzjoni; jenfasizza, barra minn hekk, li r-rifjut mill-awtorità li ssirilha t-talba li teżegwixxi deċiżjoni li timponi multi jenħtieġ li dejjem ikun iġġustifikat kif xieraq, u li jenħtieġ li titwaqqaf sistema li permezz tagħha jkun jista' jiġi riżolt it-tilwim potenzjali bejn l-awtoritajiet f'każijiet bħal dawn;
8. Jieħu nota tal-inkjesta tas-settur tal-kummerċ elettroniku u tar-rapport finali tagħha, li turi li fis-settur tal-kummerċ elettroniku wħud mill-prattiki tan-negozju jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetizzjoni ġusta u jillimitaw l-għażla tal-konsumatur; jemmen li, fil-kuntest tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali, l-inkjesta jenħtieġ li tkun parti minn sforz akbar ta' infurzar mill-Kummissjoni sabiex tapplika b'mod sħiħ il-politika tal-kompetizzjoni għall-bejjieġha bl-imnut online;
9. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffoka l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE fuq Prattiki kummerċjali mifruxa li nibtu jew żviluppaw b'riżultat tat-tkabbir fil-kummerċ elettroniku, u jenfasizza li l-Kummissjoni trid tpoġġi sforz ikbar fl-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE fl-Istati Membri kollha anki fir-rigward ta' Prattiki kummerċjali relatati mal-kummerċ elettroniku; jenfasizza li, minħabba r-relazzjoni asimmetrika bejn il-bejjieġha bl-imnut online kbar u l-fornituri tagħhom, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jenħtieġ li jinfurzaw b'mod attiv ir-regoli tal-kompetizzjoni peress li l-fornituri, speċjalment l-SMEs, jista' jkun li mhux dejjem ikollhom aċċess kosteffettiv għal mezzi ta' rimedju;
10. Jitlob it-tisħiħ tal-libertà tal-għażla għall-konsumaturi fis-Suq Uniku Diġitali; iqis li d-dritt għall-portabilità tad-data stabbilit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) huwa approċċ tajjeb għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi u tal-kompetizzjoni;
11. Huwa tal-fehma li politika tal-kompetizzjoni effettiva tista' tikkomplimenta l-inizjattivi regolatorji fil-qasam tas-Suq Uniku Diġitali, u jqis li fejn l-impetu għal azzjoni regolatorja jkun primarjament b'reazzjoni għal azzjonijiet minn xi atturi tas-suq, il-ħsara tista' tiġi indirizzata permezz ta' miżuri ta' kompetizzjoni maħsuba biex jindirizzaw Prattiki antikompetittivi, mingħajr ma jżommu lura lil dawk li jippruvaw jikkompetu;
12. Huwa mħasseb dwar iż-żieda fl-użu ta' restrizzjonijiet kuntrattwali mill-manifatturi fuq il-bejgħ online, kif ikkonfermat mill-inkjesta dwar il-kummerċ elettroniku, u jstieden lill-Kummissjoni teżamina aktar tali klawżoli sabiex jiġi żgurat li dawn ma johlqux restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni mhux ġustifikati; fl-istess waqt, jitlob lill-Kummissjoni tirreżamina l-Linji Gwida dwar ir-Restrizzjonijiet Vertikali u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 fid-dawl ta' dawn il-bidliet;
13. Jieħu nota tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Wahl, tas-26 ta' Lulju 2017 dwar il-każ C-230/16 *Coty Germany GmbH vs Parfümerie Akzente GmbH*, li r-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ f'post tas-suq online fi ftehim ta' distribuzzjoni jenħtieġ li ma jitqisux bħala restrizzjonijiet fundamentali skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010;

14. Jenfasizza li l-aċċess għall-ġustizzja, li jista' jinkludi wkoll id-disponibilità ta' rimedju kollettiv, huwa essenzjali sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE; jissottolinja li n-nuqqas ta' opportunitajiet bħal dawn idgħajjed il-kompetizzjoni, il-funzjonament tas-suq intern u d-drittijiet tal-konsumaturi;
15. Jenfasizza li l-isforzi biex titrawwem il-kompetizzjoni permezz tal-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali jridu jaħdmu dejjem fl-interessi tal-konsumaturi, u li d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jridu jkunu protetti bis-sħiħ fil-qasam diġitali;
16. Jenfasizza li kompetizzjoni li tkun kemm b'xejn kif ukoll ġusta finalment hija ta' benefiċċju għall-konsumaturi;
17. Ifakkar li sabiex il-prattiki antikompetittivi jiġu miġġielda b'mod effettiv, l-Istati Membri jridu jadottaw politika ekonomika konsistenti mal-prinċipji ta' ekonomija tas-suq miftuħ ibbażata fuq il-kompetizzjoni ġusta, minħabba li l-miżuri li huma biss protezzjonisti huma ta' ħsara għall-funzjonament tas-Suq Uniku; jenfasizza li l-aspetti kollha tal-kompetizzjoni iġusta jridu jiġu eliminati, inklużi/fosthom i/x-xogħol mhux reġistrat u l-evitar tar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, mingħajr preġudizzju għall-moviment liberu tal-ħaddiema bħala waħda mil-libertajiet fundamentali tas-suq intern;
18. Iqis li l-konsultazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni dwar it-titjib possibbli tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE hija importanti ħafna; jemmen li jridu jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat, b'mod partikolari fil-qasam diġitali, li l-fużjonijiet ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni fis-suq intern; jistieden għalhekk għal darba oħra lill-Kummissjoni biex teżamina bir-reqqa jekk il-proċeduri ta' valutazzjoni attwali jieħdux kont suffiċjenti ta' ċirkustanzi tas-swieq diġitali u tal-internazzjonalizzazzjoni tas-swieq; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tqis ir-rwol tal-aċċess għad-data u l-informazzjoni meta tkun qed tivvaluta s-saħħa fis-suq, jekk il-fużjoni tad-data u l-informazzjoni tal-konsumaturi waqt fużjoni xxejkilx il-kompetizzjoni, u sa liema punt l-aċċess ta' intrapriża għal metodi analitiċi u privati esklużivi jeskludi lill-kompetituri; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tispjega kif tiddefinixxi l-għadd minimu ta' parteċipanti fis-suq meħtieġa għall-kompetizzjoni ġusta, u kif se tħalli l-possibilità li kumpaniji ġodda, b'mod partikolari negozji ġodda, jidħlu fi swieq ikkonċentrati ħafna;
19. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-infurzar xieraq tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku sabiex jindirizzaw it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, inkluż permezz ta' kriterji ta' protezzjoni soċjali, ambjentali u tal-konsumaturi meta dan ikun xieraq, u jippromwovv Prattika tajba fil-proċessi tal-awtoritajiet pubbliċi; iqis li l-iżvilupp ta' proċeduri elettroniċi tal-akkwist pubbliku se jagħmilha aktar faċli biex l-SMEs jaċċessaw l-akkwist pubbliku, se jżid it-trasparenza u se jiżgura monitoraġġ aktar effettiv tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tippromwovi opportunitajiet ta' aċċess għas-suq għall-SMEs permezz ta' kuntratti iżgħar meta dan ikun kompatibbli ma' oġġettivi ewlenin ta' akkwist, u tissorvelja bir-reqqa l-infurzar tar-regoli dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-akkwisti fis-swieq tal-akkwist pubbliku;
20. Jilqa' l-adozzjoni ta' regoli dwar il-portabilità ta' servizzi mħallsa minn qabel skont l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali li se jtejbu l-kompetizzjoni fis-suq intern u jiżguraw drittijiet akbar għall-konsumaturi;

21. Jilqa' l-liberalizzazzjoni progressiva ta' setturi bħal dawk tat-telekomunikazzjonijiet, tas-servizzi postali u tat-trasport pubbliku bl-għan li jinħoloq ambjent kompetittiv li minnu jibbenefikaw ukoll il-konsumaturi;
22. Jemmen li l-kriterji biex wieħed jissieħeb f'network ta' franchising jew ta' distribuzzjoni selettiva jenħtieġ li jkunu trasparenti sabiex ikun żgurat li tali kriterji ma jmorru kontra l-politika tal-kompetizzjoni u l-funzjonament liberu tas-suq uniku; jenfasizza li tali kriterji jridu jkunu oġġettivi, kwalitattivi u nondiskriminatorji, u m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri sabiex tiżgura din it-trasparenza;
23. Jinnota r-riskju akbar ta' kollużjoni bejn il-kompetituri minħabba, fost affarijiet oħra, softwer għall-monitoraġġ tal-prezzijiet; iqis li l-prattiki miftiehma jistgħu jitfaċċaw minkejja li l-kuntatt bejn il-kompetituri huwa aktar dgħajjed mill-meħtieġ skont in-normi attwali, forsi anke b'mod awtomatizzat, peress li l-algoritmi jinteraġixxu ma' xulxin indipendentement mid-direzzjoni ta' parteċipant tas-suq wieħed jew aktar; jitlob lill-Kummissjoni tkun viġilanti fir-rigward ta' tali sfidi ġodda għall-kompetizzjoni libera;
24. Jenfasizza r-relazzjoni bejn is-suq intern u l-politika tal-kompetizzjoni; jinkuraġġixxi kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament u l-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumaturi jkunu mħarsa u promossi fi kwalunkwe u f'kull sforz sabiex tiġi promossa UE kompetittiva;
25. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tingħaqad mas-sħab internazzjonali u l-fora multilaterali fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni; jemmen li l-kooperazzjoni internazzjonali hija dejjem aktar essenzjali meta l-kumpaniji soġġetti għal infurzar ikunu joperaw f'ġurisdizzjonijiet multipli;
26. Jemmen li ż-żieda tan-network ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jinvolvu lill-Unjoni Ewropea se tkun ta' benefiċċju għall-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni b'mod globali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tfittex opportunitajiet ta' ftehimiet kummerċjali ulterjuri u tinkludi regoli b'saħħithom dwar l-antitrust u l-għajjnuna mill-Istat fi kwalunkwe tali ftehim fil-futur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	21.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Pascal Arimont, Dita Charanzová, Carlos Coelho, Sergio Gaetano Cofferati, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Nicola Danti, Dennis de Jong, Maria Grapini, Sergio Gutiérrez Prieto, Liisa Jaakonsaari, Philippe Juvin, Antonio López-Istúriz White, Eva Maydell, Marlene Mizzi, Nosheena Mobarik, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Jasenko Selimovic, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Catherine Stihler, Richard Sulík, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Mylène Troszczynski, Mihai Țurcanu, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Arndt Kohn
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Heidi Hautala, Jaromír Štětina

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

33	+
ALDE	Dita Charanzová, Jasenko Selimovic
ECR	Daniel Dalton, Nosheena Mobarik, Richard Sulík, Anneleen Van Bossuyt
EFDD	Marco Zullo
ENF	Mylène Troszczynski
GUE/NGL	Dennis de Jong
PPE	Pascal Arimont, Carlos Coelho, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, Philippe Juvin, Antonio López-Istúriz White, Eva Maydell, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Ivan Štefanec, Jaromír Štětina, Mihai Țurcanu
S&D	Sergio Gaetano Cofferati, Nicola Danti, Maria Grapini, Sergio Gutiérrez Prieto, Liisa Jaakonsaari, Arndt Kohn, Marlene Mizzi, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Catherine Stihler
Verts/ALE	Heidi Hautala, Igor Šoltés

1	-
EFDD	John Stuart Agnew

0	0
-	-

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet